Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10238 — Nordic Capital/LEO Foundation/LEO Pharma)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 207/04)

1. Fil-21 ta' Mejju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Nordic Capital Fund X ("Nordic Capital", Jersey),

— LEO Foundation ("LEO Foundation", id-Danimarka),

— LEO Pharma A/S ("LEO Pharma", id-Danimarka).

Nordic Capital u LEO Foundation jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' LEO Pharma kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Nordic Capital hija grupp ta' fondi ta' ekwità privata li jiffoka fuq investimenti primarjament fir-reġjun Nordiku tal-Ewropa u setturi magħżula tal-Ewropa tat-Tramuntana. Nordic Capital tinvesti f'firxa wiesgħa ta' industriji iżda tiffoka b'mod partikolari fuq il-kura tas-saħħa, it-teknoloġija u l-pagamenti, is-servizzi finanzjarji, is-servizzi industrijali u kummerċjali u l-prodotti tal-konsumatur,

— LEO Foundation hija fondazzjoni privata stabbilita taħt id-dritt Daniż li, minbarra LEO Pharma, ma tikkontrollax impriżi operattivi oħra u li hija stess ma hija kkontrollata minn ebda entità oħra. L-assi finanzjarji ta' LEO Foundation jinżammu f'LEO Holding, fejn jitwettqu l-attivitajiet ta' investimenti tal-LEO Foundation,

— LEO Pharma għandha l-kwartieri ġenerali tagħha fid-Danimarka u tiżviluppa, timmanifattura u tikkummerċjalizza prodotti farmaċewtiċi li għandhom jintużaw b'mod predominanti għat-trattament ta' mard dermatoloġiku u trombotiku.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10238 — Nordic Capital/LEO Foundation/LEO Pharma

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË